**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta' Novembru, 2017

Rikors Nru : 127/17AL

AB
Vs
CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-kontendenti żżewġu nhar is-sebgħa (7) ta'Settembru elf disa` mija u tmienja u tmenin (1988);

Illi l-kontendenti kienu sseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dott. Nicholas Briffa datat tmintax (18) ta' Dicembru elfejn u tnax (2012) Dok. A.

Illi minn dana ż-żwieġ, il-kontendenti kellhom tifel illum maġġorenni.

Illi ma hemm l-ebda pendenza ta’ manteniment bejn il-kontendenti;

Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli illi jkun hemm rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti, stante illi apparti li ilhom diversi snin jgħixu separatament għal aktar minn tlettax (13) –il sena kif anke jirriżulta mill-preċitat kuntratt, preżenzjalment it-tnejn għandhom il-ħajja separata tagħhom;

Illi l-fatti su riportati jissodisfaw il-kwesiti għal ottjeniment tal-hall miż-żwieġ a tenur ta’ l-artikolu 66A et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Talbet li l-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-kontendenti, kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien kontemplat jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-digriet tad-divorzju sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha ecepixxa :

Illi l-esponent ma ghandu jbati ebda spejjez konnessi ma’ din il-procedura stante illi huwa qieghed jaqbel ukoll mal-pronunzjament tad-divorzju.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ April, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta’ Dicembru 2012 u illi

ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur